# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 27**

**Rikors Numru 872/2016/2 GM**

**Avukat Larry Formosa**

***v.***

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u b'digriet tat-22 ta' Awwissu 2022 l-Qorti ordnat li jidhru wkoll il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara; u *WM Environmental Limited* bħala partijiet imħarrka**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà *WM Environmental Limited* ["*WM*"] minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Ottubru 2019 li sabet illi, safejn tolqot id-drittijiet tar-rikorrent Avukat Formosa, it-taxxa uffiċjali tad-drittijiet maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ["ir-Reġistratur"] fil-kawża fl-ismijiet *Executive Tenders Joint Venture v.* Kunsill Lokali Birkirkara *et* (rik. nru 197/16) ma nħarġitx kif trid il-liġi u għalhekk ħassritha u ordnat lir-Reġistratur sabiex joħroġ taxxa ġdida maħduma taħt

il-para. 13 tat-Tariffa E mehmuża mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili [“it-Tariffa E”].

2. Il-fatti li wasslu għall-proċeduri tallum huma dawn: kienet saret sejħa mill-Kunsill Lokali ta’ Birkirkara għal offerti għal kuntratt pubbliku. Daħlu erba’ offerti, fosthom dik ta’ *Executive Tenders Joint Venture* [“*ETJV*”] u dik ta’ *WM*. Il-Kunsill Lokali fid-29 ta’ Frar 2016 qatagħha li jagħti l-kuntratt lil *WM* u b’ittra tal-1 ta’ Marzu 2016 għarraf b’dan lil *ETJV*.

3. B’ittra tad-9 ta’ Marzu 2016 *ETJV* ressqet oġġezzjoni quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi [“il-Bord ta’ Reviżjoni”], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbiku, u talbet illi l-kuntratt jingħata lilha flok lil *WM*.

4. Wara li, b’deċiżjoni tal-25 ta’ April 2016, il-Bord ta’ Reviżjoni caħad l-oġġezzjoni tagħha, fl-10 ta’ Mejju 2016 *ETJV* ressqet appell fl-ismijiet <u>*Executive Tenders Joint Venture v.* Kunsill Lokali Birkirkara *et*”</u> (appell nru 197/16) quddiem din il-qorti.

5. Fis-sentenza tagħha tal-11 ta’ Lulju 2016, din il-qorti ħassret id-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni tal-25 ta’ April 2016 u ordnat illi l-evalwazzjoni tal-offerti ssir mill-ġdid fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula fl-istess sentenza, b’dan illi l-ispejjeż jinqasmu f’ishma ndaqs bejn il-Kunsill Lokali u *WM*.

6. Fit-30 ta’ Awwissu 2016 ir-Reġistratur ħareġ taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż tal-kawża fuq imsemmija. Id-drittijiet tal-avukat inħadmu taħt il-para. 15(*b*) tat-Tariffa E u ġew intaxxati tliet mitt euro (€300).

7. Lill-Avukat Formosa deherlu illi d-dritt tal-avukat kellu jiġi ntaxxat *ad valorem* taħt il-para. 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux taħt il-para. 15(*b*) tal-istess Tariffa E, kif intaxxa-ha r-Reġistratur. Għalhekk fetaħ dawn il-proċeduri u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara t-taxxa ta' drittijiet u spejjeż tal-kawża fl-ismijiet *Executive Tenders Joint Venture v.* Kunsill Lokali Birkirkara u *WM Environmental Ltd* bħala erronea u mhux skont il-liġi u għalhekk nulla u invalida;
>
> »2. tordna t-tħassir tal-istess taxxa; u
>
> »3. tordna lir-Reġistratur tal-Qrati joħroġ taxxa ġdida tal-imsemmija kawża skont il-valur tal-offerta mertu tal-appell numru 197/2016 fl-ismijiet *Executive Tenders Joint Venture v.* Kunsill Lokali Birkir-kara u *WM Environmental Ltd* a tenur tal-paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u/jew kwalun-kwe paragrafu ieħor applikabbli tal-istess Tariffa;«

8. Wieġbet is-soċjetà *WM* u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. L-azzjoni attriċi hi nulla *stante* li din saret fil-konfront biss tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u mhux fil-konfront ta' kull min għandu interess fit-taxxa kontestata kif jirriżulta mill-okkju.
>
> »2. L-appell li ta' lok għas-sentenza li t-taxxa tagħha qed tiġi attakkata ma kienx jikkontjeni talba *ad valorem* iżda kien limitat biss għal talba għal tħassir u revoka ta' deċiżjoni mogħtija minn entita quasi ġudizzjali.
>
> »3. Mill-atti tal-appell ma jista jiġi ddeterminat l-ebda valur u għalhekk it-talba odjerna ma tistax tintlaqa'.«

9. Ir-Reġistratur wieġeb hekk:

> »1. … … …
>
> »2. L-appell li tiegħu qed tintalab li ssir reviżjoni tat-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji huwa appell li sar skont artikolu 284 tal-L.S. 174.04 (Regolamenti dwar l-Kuntratti Pubbliċi) u ġie intaxxat skont sezzjoni 3(7) tat-Tariffa A tal-Kap. 12 għal dak li jirrigwarda dritt tar-Reġistru u skont sezzjoni 15(*b*) tat-Tariffa E tal-istess Kap. 12 għal dak li jirrigwarda d-dritt tal-Avukat.
>
> »3. Id-dritt reġistru nħadem skont is-sezzjoni 3(7) Tariffa A (Kap. 12) peress li dan huwa appell ippreżentat skont liġi oħra u illi f'din l-istess liġi ma ġiex stabbilit dritt għal tali appell la għar-Reġistru u lanqas għad-dritt avukat.
>
> »4. It-Tariffa E, li tirregola d-dritt tal-avukati, ukoll ma tindikax kif għandhom jiġu ntaxxati tali appelli u għalhekk l-esponenti kellu

jintaxxa dan il-każ billi għamel analoġija ma' appelli oħra ta' din ix-xorta.

»5. Is-sezzjoni 15(*b*) Tariffa E tipprovdi, *inter alia*, illi appelli ppreżentati skont l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504) għandhom jiġu ntaxxati bejn €46.59 u €698.81.

»6. L-esponenti umilment jissottometti illi l-appell li tiegħu qiegħda tintalab ir-ritassa odjerna għalkemm mhux ippreżentat *ai termini* tal-Kap. 504 imma *ai termini* tal-Kap. 174 huwa tal-istess xorta fis-sens li qed tintalab ir-reviżjoni ta' deċiżjoni ta' Bord tal-Appelli;

»7. Anke jekk wieħed jieħu l-kwestjoni trattata fl-appell oriġinali bħala waħda ta' stħarriġ dwar għemil amministrattiv (kif wara kollox hi) ukoll kellu japplika l-artikolu 15(*b*) tat-Tariffa E annessa mal-Kap. 12.

»8. L-esponenti ma jara xejn ħażin li jaddotta regoli li huma tal-istess xorta meta l-leġislatur ma jkunx ħa ħsieb jirregola tali każijiet, meta wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-liġi timponi fuq ir-Reġistratur id-dover li jintaxxa l-ispejjeż ġudizzjarji (art. 64, Kap. 12) dejjem suġġett għall-iskrutinju, meta mitlub, tal-qrati).

»9. Tħares kif tħares lejh l-appell oriġinali dejjem iwasslet biex tintaxxah bil-mod kif ġie intaxxat u cjoè bl-applikazzjoni tas-sezzjoni 15(*b*) tat-Tariffa E annessa mal-Kap. 12 u li jgħid "Għal kull sentenza definittiva f'kawża ... meta jintalab l-annullament ta' att amministrattiv minħabba f'kontestazzjoni magħmula skont l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 ... għal appelli ppreżentati skont l-artikoli 41 u 75 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504) ... minn 46.59 sa 698.81".

»10. L-artikoli msemmija fir-Rikors promutur u cjoè 13, 14 u 38 tat-Tariffa E ma jreġux għax kif ġà ngħad hawn fuq hemm sezzjonijiet oħra li għandhom jiġu applikati għal din it-taxxa.

»11. L-esponenti jsostni li t-taxxa magħmula fl-appell nru 197/2016 fl-ismijiet ___Executive Tenders Joint Venture v.___ <u>Kunsill Lokali B'Kara</u> ___et___ hija korretta u r-rikors odjern għandu jiġi miċħud *in toto* bl-ispejjeż.

»12. Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

»13. Mingħajr preġudizzju, *dato ma non concesso* li jkun hemm lok għal korrezzjoni, l-esponent m'għandu fl-ebda ċirkostanzi jbati xi spejjeż ta' dawn il-proċeduri, jew *de minimis* ikunu spejjeż bla taxxa minħabba n-natura tal-każ.«

10. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-Reġistratur ħlief dik dwar l-ispejjeż u ta' *WM Environmental Limited*; tilqa' t-talbiet tar-rikorrent billi tħassar it-taxxa *de quo agitur* u tordna lir-Reġistratur joħroġ taxxa ġdida abbażi tal-kriterji suespostі u partikolarment a tenur tal-paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Kap. 12.

»*Stante* n-novità u d-diffikultà tal-każ, spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.»

11. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »*WM Environmental Limited* eċċepiet in-nullità tal-azzjoni billi ma saritx fil-konfront tal-interessati kollha. L-art. 64 jipprovdi għal proċedura sommarja, u, minn kif inhi redatta, tqis bħala uniku leġittimu kontradittur lir-Reġistratur, li wara kollox ikun hu li għamel it-taxxa li tkun qiegħda tiġi impunjata. Min-naħa l-oħra, l-art. 64(2) jistipula li r-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi nnotifikata li kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta. Din hi l-proċedura –pjuttost partikolari – voluta mil-leġislatur; xejn iżjed u xejn inqas; u r-rikorrent ottempera ruħu magħha billi ħarrek lir-Reġistratur u nnotifika lill-partijiet interessati kollha. Din l-eċċezzjoni għalhekk ma jisħoqqiliex tiġi milqugħa;
>
> »Ir-Reġistratur fir-risposta tiegħu spjega li huwa ħadem id-dritt tar-reġistru skont sezzjoni 3(7) tat-Tariffa A tal-Kap 12 u d-dritt tal-avukat skont sezzjoni 15(*b*) tat-Tariffa E.
>
> »Dritt tar-reġistru
>
> »Sezzjoni 3(1) tistabilixxi dritt tar-reġistru b'rati *ad valorem* għal proċeduri fil-prim'istanza meta l-valur ikun stabbilit jew li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu. Sezzjonijiet 3(2) u 3(3) jistabbilixxu d-depożiti li jridu jsiru mill-konvenut li jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet; minn min jippreżenta kontro-talba; u ż-żmien tal-ħlas meta atti ta' proċedura jiġu ppreżentati fil-qorti minflok fir-reġistru. Sezzjoni 3(4) tipprovdi lista ta' tipi ta' kawżi li għalihom ir-rati stabbiliti fil-parti preċedenti ta' sezzjoni 3 ma japplikawx u minflok titħallas rata fissa ta' €100.
>
> »Sezzjoni 3(5) tistabbilixxi li meta jsir appell id-drittijiet ta' sezzjoni 3(1) jiżdiedu b'terz.
>
> »Sezzjoni 3(6) tistabbilixxi li appell "taħt xi liġi oħra" li tistabilixxi tariffa jiġi ntaxxat skont dik il-liġi l-oħra u mhux skont sezzjoni 3(1).
>
> »Sezzjoni 3(7) jistabbilixxi li f'każ t'appelli skont xi liġi oħra li ma tistabbilixxix tariffa, para 3 ma japplikax u minflok jitħallas dritt fiss ta' €120.
>
> »Dwar it-taxxa tar-reġistru, ma hemmx kontestazzjoni.
>
> »Dritt tal-avukat
>
> »Ir-Reġistratur ikompli jirraġuna li t-Tariffa E, li tirregola d-dritt tal-avukati, ukoll ma tindikax kif għandhom jiġu ntaxxati tali appelli u għalhekk kellu jagħmel analoġija ma' appelli oħra ta' din ix-xorta. Għalhekk għamel analoġija mal-paragrafu 15(*b*) tal-istess tariffa li fost l-oħrajn jipprovdi li għandhom jiġu ntaxxati bejn €46.59 u €698.81:
>
> »(i) appelli ppreżentati skont l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (Kap 504). Dan billi kemm f'dak il-każ kif ukoll fil-każ preżenti (li jaqa' taħt liġi oħra, ċjoè l-Kap 174) huwa tal-istess xorta fis-sens li qed jintalab ir-reviżjoni ta' deċiżjoni ta' Bord tal-Appelli;

»(ii) l-annullament ta' att amministrattiv minħabba l-kontestazzjoni magħmula skont l-artiklu 469A tal-Kap 12. Il-każ preżenti wkoll huwa wieħed ta' stħarriġ dwar għemil amministrattiv.

»Ir-Reġistratur issottometta li ma jara xejn ħażin li jadotta regoli li huma tal-istess xorta meta l-leġislatur ma jkunx ħa ħsieb li jirregola tali każijiet, u dan in forza tal-art. 64 tal-Kap 12 li jimponi fuqu d-dover li jintaxxa l-ispejjeż ġudizzjarji.

»Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent huwa tal-fehma li għandhom japplikaw paragrafi 13, 14, u 38 tat-tariffa E. Paragrafu 13 u 14 jistabbilixxu rata *ad valorem* "għal kull sentenza definittiva"; paragrafu 38 jipprovdi li "fuq appell id-drittijiet li hemm fil-paragrafi 13 sa 36 inklużi, għandhom jiżdiedu b'terz". Ir-Reġistratur ma jaqbilx għax hemm sezzjonijiet oħrajn li għandhom japplikaw, kif spjega fir-risposta tiegħu;

»L-art. 64(1) tal-Kap 12 jgħid li "l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur". Dan l-artiklu jrid jinqara' flimkien ma' artikli oħrajn tal-istess Kodiċi, partikolarment mal-artiklu 1004(1) li jistipula li "L-ispejjeż għandhom jiġu ntaxxati u mħallsa skont it-Tariffi fl-iskeda A li tinsab ma' dan il-Kodiċi u skont ir-regolamenti magħmula mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja taħt dan l-artikolu". Għalhekk is-setgħa u d-dover tar-Reġistratur li jintaxxa u jillikwida d-drittijiet kemm tar-reġistru kif ukoll tal-avukati mhumiex xi setgħa illimitata imma definita u ċirkoskritta minn Tariffa A. Jekk ikun hemm xi lakuna fit-Tariffa A, fi kliem ieħor, it-Tariffa A tkun siekta u ma timponix ħlas, ir-Reġistratur m'għandu l-ebda dmir, u l-ebda jedd, li jimponi ħlas hu. L-eżerċizzju tal-Reġistratur huwa wieħed amministrattiv u għalhekk huwa soġġett għal-liġi. Bħal kull amministratur ieħor fl-istruttura governattiva, dak li jagħmel lil hinn mis-setgħat li tagħtih il-liġi ikun jista' jiġi attakkat bħala *ultra vires*. Fil-każ li jkun hemm lakuna, ir-Reġistratur ma jkun ingħata l-ebda setgħa mil-liġi li jimponi ħlas u għalhekk lanqas jista' jarroga għalih innifsu din is-setgħa billi jirrikorri għal analoġija ma' każijiet tal-istess xorta – sakemm l-istess liġi ma tagħtihx din is-setgħa, kif fil-fatt tagħmel fil-każ tat-Tariffa A, paragrafu 7: "Għal kull att ieħor tal-proċedura stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda li ma hemmx provdut dritt għalih f'dawn it-Tariffi … €20". Mija u erbgħin sena ilu, l-Imħallef Filippo Pullicino kien diġà qiegħed iwissi li "*pure il difetto di provvedimento nella legge non può essere supplito dal ministero del tribunale*". F'każ fejn *panel* tal-arbitri irrikorra għal process analoġiku – bħalma qiegħed jagħmel ir-Reġistratur f'dan il-każ – il-Qorti tal-Appell irrimarkat li "raġonevolment, f'dan l-eżerċizzju koinvolġenti prettament materja ta' interpretazzjoni wieħed għandu jkun akkurat illi, fejn ċerta disposizzjoni hi siekta, ma jaqax fl-iżball li jagħmel il-liġi minflok ma jinterpretaha u japplikaha".

»F'dan il-każ, b'danakollu, m'hemm l-ebda lakuna. Paragrafu 13 tat-Tariffa E jistabbilixxi tariffa *ad valorem* "għal kull sentenza definittiva". Il-paragrafi sussegwenti jistabbilixxu tariffi għal każijiet partikolari. Kif ġà ngħad, hekk jagħmel paragrafu 15(*b*). Paragrafu 16 jimmodifika l-kalkolazzjoni *ad valorem* fil-każ ta' kawżi ta' qsim ta' proprjetà. Paragrafu 17 jistabbilixxi rata differenti *ad valorem* (ta' 1%) f'każ ta' liċitazzjoni. Paragrafu 18 tistabbilixxi dritt fiss fil-każ ta' kawżi dwar ħlasijiet ta' kull sena. Paragrafu 19 jistabbilixxi dritt f'kawżi ta' manteniment. U hekk ukoll ikomplu jagħmlu l-paragrafi sussegwenti. Fi kliem ieħor, il-paragrafu 13 jistabbilixxi r-regola ġenerali, filwaqt li l-paragrafi

ta' wara jkopru każijiet partikolari. Hawnhekk allura japplika l-prinċipju ta' *lex specialis derogat lex generali*. Fejn il-liġi trid tidderoga min-norma ġenerali, tgħidu. Fejn ma tgħidux, tibqa' imperanti r-regola ġenerali. Liġi speċjali ma tistax tiġi applikata b'analoġija għal każ mhux ikkontemplat mil-leġislatur; każ bħal dan allura ma jaqax fil-limbu, imma jaqa' taħt ir-regola ġenerali.

»Il-qorti lanqas ma taqbel mal-eċċezzjoni mressqa minn minn *WM Environmental Limited* li m'għandux japplika l-paragrafu 13 billi l-appell li ta lok għas-sentenza ntaxxata ma kellux talba *ad valorem* imma biss talba għal tħassir ta' deċiżjoni meħuda minn entità kważi-ġudizzjali; il-valur jirriżulta mill-massa litiġjuża li jinvolvi offerta ta' €1,432,756.

»Il-qorti tifhem il-ħsieb – ta' min ifaħħru – tar-Reġistratur li jintaxxa każijiet simili bl-istess mod, iżda biex isir dan hemm bżonn intervent leġislattiv.«

12. Is-soċjetà *WM* appellat b'rikors tat-28 ta' Ottubru 2019 li għalih l-Avukat Formosa wieġeb fil-25 ta' Novembru 2019.

13. Nibdew bl-ewwel aggravju tal-appell li jrid dikjarazzjoni ta' nullità tal-proċeduri minħabba nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju. L-aggravju ġie mfisser hekk:

»Il-ġudizzju mhuwiex integru stante li mhux il-partijiet interessati kollha ġew ċitati u kwindi l-proċedura hija nulla;

»... … …

»F'kawżi ta' ritassa l-avukati u l-prokuraturi legali rappreżentanti l-partijiet għandhom interess li jiġu ċitati fil-kawża *stante* li jitratta direttament id-drittijiet tagħhom. Fil-kawża odjerna jirriżulta li r-rikors ġie intavolat biss fil-konfront tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, bl-avukati u l-prokuraturi legali in rappreżentanza tal-partijiet fl-appell *Executive Tenders Joint Venture v.* Kunsill Lokali ta' Birkirkara *et*" inħarġet biss notifika tal-atti – bil-maġġoranza tagħhom ġew notifikati u oħrajn le.

»Anki jekk għal grazzja tal-argument jingħad li l-avukati u l-prokuraturi kollha ġew notifikati bir-rikors għar-ritassa, in-notifika ma tekwivalix għal kjamata fil-kawża partikolarment meta lanqas biss kien hemm digriet fjen ġew kjamati fil-kawża. Il-kjamata fil-kawża tad-difensuri hija rekwiżit neċessarju għall-integrità tal-ġudizzju li huwa *sine qua non*. L-esponenti tagħmel riferenza għall-appell ta' ritassa deċiż riċentement minn din l-onorabbli qorti fl-ismijiet L-Arkitett Raymond Vassallo *et v.* *Windsor Holdings Limited et* fil-31 ta' Mejju 2019 fejn dwar il-partijiet f'kawża ta' ritassa ingħad:-

»"Iżda mhux l-istess jista' jingħad fil-każ tal-avukat u l-prokuratur legali tas-soċjeta intimata *Windsor Holdings*. Dana peress li kif ġie ritenut drabi oħra, f'kawża ta' ritassa ta' drittijiet, id-difensuri għandhom interess, u hemm lok li jiġu msejħin fiha. Id-

> dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-integrazzjoni tal-proċess huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu derogati, lanqas bil-volontà tal-partijiet … … …"

»L-ewwel qorti ġustament tagħmel riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-art. 64(2) tal-Kap. 12 li jgħid li "r-rikorrenti għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu nteress fih ..." iżda fil-fehma tal-esponenti sempliċi notifika tar-rikors mhijiex biżżejjed *stante* li bin-notifika tar-rikors id-difensuri xorta mhumiex parti fil-kawża. Fl-appell surriferit din l-onorabbli qorti kienet ċara lid-difensuri għandhom jiġu msejħa fil-kawża.

»Anke jekk din l-onorabbli qorti tqis li n-notifika tar-rikors kienet biżżejjed u tekwivali għal kjamat fil-kawża tad-difensuri, mill-atti xorta waħda jirriżulta li mhux id-difensuri kollha ġew notifikati bir-rikors u għaldaqstant dan għandu jwassal għan-nullità tal-proċedura;

»*Inoltre* fil-kawża kellha tiġi kjamata wkoll is-soċjetà esponenti stess *stante* li hija ġiet ikkundannata tħallas nofs l-ispejjeż minn din l-onorabbli qorti. Permezz tas-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2019, l-ispejjeż li trid tħallas l-esponenti fi drittijiet ser jiżbqu bil-wisq dawk li kienet ser tħallas bit-taxxa li ġiet kkontestata. L-inqas li kienet tistenna l-esponenti kien li tiġi kjamata fil-kawża. Dan jingħad ukoll b'riferenza għall-art. 237 tal-Kap. 12 li jgħid:-

> »"Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza."«

14. Il-proċeduri tallum saru taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> » **64**. (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.
>
> »(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.
>
> »(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għand-hom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors.«

15. It-taxxa qiegħda tiġi impunjata biss safejn tolqot id-drittijiet tal-Avukat Formosa. Għalhekk il-persuni li għandhom interess, barra r-Reġistratur, huma naturalment l-Avukat Formosa nnifsu, u dawk li ġew kundannati

jħallsu sehem minn dawk id-drittijiet, *viz.* il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u *WM*. L-avukati l-oħra fil-kawża, li t-taxxa tad-drittijiet tagħhom ma ġietx impunjata, u *Executive Tenders Joint Venture*, il-parti l-oħra fil-kawża li iżda ma ġiet kundannata tħallas ebda sehem mill-ispejjeż, ma għandhomx interess u għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa li jkunu parti fil-kawża jew li jiġu notifikati bir-rikors.

16. Tassew illi mill-kliem tal-liġi fejn trid illi ssir notifika lil kull min ikollu interess tista' tislet l-argument illi kull ma hija meħtieġa hija n-notifika u mhux li kull parti interessata tkun ukoll formalment imħarrka. Barra minn hekk, it-taxxa jaħdimha r-Reġistratur mingħajr l-intervent tal-partijiet, dak li jkun qiegħed jiġi impunjat fi proċeduri bħal dawk tallum huwa l-għemil tar-Reġistratur mhux tal-partijiet, u l-ordni li tinħadem it-taxxa mill-ġdid tingħata lir-Reġistratur, mhux lill-partijiet; minn dan ukoll tista' tislet argument illi biżżejjed ikun imħarrek ir-Reġistratur.

17. Madankollu, jekk tiġi impunjata t-taxxa sejrin jintlaqtu d-drittijiet tal-partijiet interessati u għalhekk, sabiex is-sentenza torbot lilhom ukoll, kif igħid u jrid l-art. 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jeħtieġ li jkunu parti fil-kawża.

18. Fil-każ tallum kull parti li għandha interess – kemm ir-rikorrent stess u r-Reġistratur, li isimhom jidher fl-*occhio,* u kemm il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u *WM* – ġiet notifikata, u għalhekk in-nuqqas ta' tismija tal-partijiet interessati fl-*occhio* tal-proċeduri ma jwassalx għan-nullità tal-proċeduri, kif tippretendi l-appellanti, iżda kull ma hu meħtieġ hu li din il-qorti tinqeda bis-setgħa li jagħtiha l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

Proċedura Ċivili billi tordna korrezzjoni fl-*occhio* sabiex jidhru wkoll il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u *WM* bħala partijiet imħarrka.

19. Għalhekk tordna li fl-*occhio* ta' dawn il-proċeduri fost l-imħarrkin jidhru wkoll, barra r-Reġistratur, il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u *WM Environmental Limited*.

20. L-aggravju li jrid in-nullità huwa għalhekk miċħud.

21. It-tieni aggravju ġie mfisser hekk:

> »Il-proċedura mertu tal-appell odjern titratta appell minn deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fejn il-mertu tal-appell kien jittratta tliet aggravji:-
>
> »1. il-bażi tal-evalwazzjoni tal-offerti;
>
> »2. il-kjarifika rikjesta mill-Kunsill Lokali dwar *human resources* tas-soċjetà esponenti;
>
> »3. id-*default notices* li kien hemm fil-konfront tas-soċjetà esponenti.
>
> »Fis-sentenza <u>Frances *sive* Franca Camilleri *v.* Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta</u> deċiża fl-1 ta' Lulju 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili stqarret li
>
> > »"It-tassazzjoni *ad valorem* hija bbażata fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi, proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan."
>
> »L-aggravji fl-appell ma kinux jitrattaw passaġġ ta' flus iżda kienu jirrigwardaw deċiżjoni amministrattiva tal-Kunsill Lokali Birkirkara. Ġaladarba l-appell li sar quddiem din il-qorti fl-ismijiet <u>*Executive Tenders Joint Venture v.* Kunsill Lokali ta' Birkirkara *et*</u> qatt ma ttratta l-appalt *per ser* iżda l-*modus operandi* tal-Kunsill Lokali li wasal għad-deċiżjoni tiegħu, ma kellux jiġi applikat il-paragrafu 13 iżda l-paragrafu 15(*b*) tat-Tariffa E tal-Kap. 12.«

22. L-Avukat Formosa wieġeb hekk:

> »… … …
>
> »… … … Fil-kawża <u>Frances *sive* Franca Camilleri *v.* Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta</u> deċiża fl-1 ta' Lulju 2013 il-qorti ma qalitx biss dak li pprova jiċċita l-appellanti. L-appell beda jiċċita min-nofs is-sentenza u ma ċċitax is-sentenza kollha. F'dik is-sentenza tal-qorti, il-Prim Awla qalet hekk:
>
> > »"Mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, it-tassazzjoni *ad valorem* hija ibbażata fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus

jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan. Meta kawża ma taqax f'kategorija bħal dawn li għandhom kemm issemmew, it-tassazzjoni ġeneralment issir a bażi ta' dikjarazzjoni."

»Fil-fatt il-qorti hawnhekk kienet qiegħda titkellem dwar prattika u mhux x'tiddisponi l-liġi tal-proċedura u dan f'termini ġenerali kienet qiegħda ssib ir-*raison d'être* tat-tassazzjoni iżda mhux tinterpreta d-disposizzjoni tal-paragrafu 13 *et seq*. tat-Tariffa E. Kellha raġun l-ewwel qorti tgħid li meta ma jkunx hemm provvediment m'għandux ikun il-ġudikant jew xi ħadd ieħor minfloku (f'dan il-każ ir-Reġistratur) li jivvinta provvediment hu. U għamel żball ir-Reġistratur tal-Qorti, li fejn il-liġi kienet siekta ssokta biex għamel huwa stess analoġija. Fil-fatt ir-raġunament tal-ewwel qorti hu loġiku u legali għaliex fejn ma hemmx disposizzjoni għal sitwazzjoni partikolari bħalma huwa dan il-każ ma kellux wieħed jipprova jagħmel analoġija iżda ried joqgħod fuq ir-regola ġenerali stabbilita u l-paragrafu 13 tat-Tariffa E jistabbilixxi tariffa *ad valorem* għal kull sentenza definittiva b'mod ġenerali.«

23. L-ewwel prinċipju applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ tallum li ġie stabbilit f'diversi sentenzi tal-qrati Maltin, fosthom fis-sentenza ta' din il-qorti tat-13 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet <u>Anthony Abela *et v.* Ronald Cordina *et*</u> (rik. nru 715/11), huwa dan li ġej:

»… … … it-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "*il complesso del tema contenzioso*" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni.«

24. Prinċipju ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ tallum huwa li, għall-għanijiet ta' tassazzjoni, il-valur ta' kawża jitqies fuq it-talba tal-attur u mhux fuq l-interess effettiv pekunjarju jew patrimonjali tiegħu fl-eżitu finali tagħha. Fil-fatt fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 1960 fil-kawża fl-ismijiet <u>Ellul Bonnici *v.* Buhaġiar *noe et*</u> din il-qorti qalet illi:

»… … … Xi drabi jista' jiġri illi l-azzjoni *cioè* t-talba tkun ristretta għal interess iżgħar minn dak li fuqu d-deċiżjoni tkun tinfluwixxi; drabi oħra l-interess li jintitola l-attur jaġixxi jista' lanqas ikun pekunjarju jew patrimonjali, jew valutabbli fi flus.«

25. L-aħħar prinċipju applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ tallum huwa dan: it-tassazzjoni ta' talbiet li jwasslu biex flus jew beni oħra jgħaddu minn persuna għal oħra ġeneralment issir fuq bażi *ad valorem* filwaqt li f'kawżi li ma jwasslux għal riżultat bħal dan it-tassazzjoni ġeneralment issir fuq bażi ta' dikjarazzjoni. Kif ingħad fis-sentenza ta' Frances *sive* Franca Camilleri ċitata fir-rikors tal-appell "it-tassazzjoni *ad valorem* hija bbażata fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi, proprjetà jew jeddijiet marbutin ma' dan"[1].

26. Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Executive Tenders Joint Venture *v.* Kunsill Lokali Birkirkara *et* li dwarhom inħarġet it-taxxa impunjata kienu essenzjalment jittrattaw stħarriġ dwar għemil amministrattiv, *viz.* l-għemil tal-awtorità kontraenti fl-għoti ta' kuntratt pubbliku. Dak li ntalab fl-appell ta' *Executive Tenders Joint Venture* mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kien illi titħassar id-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti, il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, li kuntratt pubbliku jingħata lil *WM* u illi ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-offerti. Bis-saħħa tad-deċiżjoni ta' din il-qorti ntlaqgħu dawk it-talbiet iżda ma għaddiet ebda proprjetà minn parti lil oħra.

27. Għalhekk il-kawża ma kinitx waħda li t-taxxa dwarha kellha tinħadem *ad valorem* taħt il-para. 13 tat-Tariffa E iżda kienet taqa' fil-kategorija residwali ta' kawżi dwar dikjarazzjoni ta' punt ta' fatt jew ta' dritt. Dan ifisser ukoll illi strettament ma taqax taħt il-para. 15(*b*) tal-Tariffa E, peress

---

[1] Ara wkoll, f'dan is-sens, Avukat Spiridione Camilleri *et v.* Avukat Edgar Buhagiar *noe et*, P.A. 20 ta' Ġunju 1963; Anthony Abela *et v.* Ronald Cordina *et*, App. 13 ta' Lulju 2020; L-Avukat Renzo Porsella-Flores *et v.* Ir-Reġistratur tal-Qorti *et*, App. 17 ta' Marzu 2021; *HSBC Bank Malta p.l.c. v*. Reġistratur tal-Qrati *et*, P.A. 12 ta' Ġunju 2003.

illi l-kawża ma kinitx taħt xi waħda mil-liġijiet imsemmija f'dak is-sub-paragrafu, iżda taqa' taħt il-kategorija residwali msemmija f'para. 15(*a*).

28. Is-sentenza appellata, li ordnat illi t-taxxa tinħadem taħt il-para. 13, hija għalhekk ħażina, u hija ħażina wkoll it-taxxa li nħadmet taħt il-para. 15(*b*) peress illi kellha tinħadem taħt il-para. 15(*a*).

29. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ħassret it-taxxa safejn tolqot id-dritt tal-Avukat Formosa u tħassarha fejn ordnat illi t-taxxa tinħadem mill-ġdid taħt il-para. 13; tordna, minflok, illi t-taxxa tinħadem mill-ġdid taħt il-para. 15(*a*).

30. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; dawk tal-appell, peress illi l-eċċezzjoni ta' nullità tal-proċeduri ta' *WM* ġiet miċħuda u t-taxxa teħtieġ korrezzjoni, għalkemm minima, jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) tħallsu *WM*, sehem ieħor minn erbgħa jħallsu r-Reġistratur (¼) u n-nofs (½) li jifdal iħallsu r-rikorrent Avukat Formosa.

Mark Chetcuti
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr